

Brussell, 30 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0385(NLE)

14921/23
ADD 1

AELE 39
EEE 36
N 92
ISL 50
FL 30
MI 929
ENV 1220
AVIATION 206

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 678 final
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE (ETS tal-Avjazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 678 final.

Mehmuż: COM(2023) 678 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2023
COM(2023) 678 final

ANNEX

ANNEX

ta' [...]

Propostal għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE**

(ETS tal-Avjazzjoni)

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq¹ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni² trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tistabbilixxi mekkaniżmu speċjali biex titnaqqas id-differenza fil-kost bejn il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u l-fjuwils fossili, li għandu livell oġhla ta' appoġġ għal ċerti gżejjer fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan il-livell oġhla ta' appoġġ japplika wkoll għall-Iżlanda.
- (4) Id-Direttiva (UE) 2023/958 testendi, għall-aħħar darba, eżenzjoni marbuta biż-żmien għat-titjiriet operati lejn pajjiżi terzi rilevanti u minnhom. L-Iżlanda tinsab f'sitwazzjoni ġeografika speċifika li hija tivvaluta bħala li twassal għal impatti negattivi speċjali fuq il-konnettività bl-ajru u għal riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sabiex dan jiġi indirizzat, għall-perjodu interim ta' dik l-eżenzjoni marbuta biż-żmien, u b'mod li jiżgura r-rispett sħiħ u l-konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-linji tal-ajru fuq l-istess rotta u l-oġettivi, il-prinċipji u dispożizzjonijiet oħrajn tal-Ftehim ŻEE, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-allokazzjoni kundizzjonali ta' kwoti addizzjonali lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fir-rigward ta' titjiriet li jitolqu minn ajrudrom li jinsab l-Iżlanda u li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, jew li jitolqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u jaslu l-Iżlanda. Il-kwoti allokatati taħt dan il-mekkaniżmu jridu jitnaqqsu mill-għadd ta' kwoti li kieku jiġu allokatati għall-irkantar mill-Iżlanda. Kwalunkwe kwota addizzjonali allokata lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru skont mekkaniżmu ta' dan it-tip għandha tkun bil-kundizzjoni ta' azzjonijiet aċċellerati minn dawk l-operaturi lejn l-ilħuq tal-oġettiv tan-newtralità klimatika.

¹ ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115.

² ĠU L 19, 20.1.2023, p. 1.

- (5) Fl-2026, jenħtieġ li jkun hemm rapport li jevalwa l-konnettività bl-ajru tal-Iżlanda, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-kompetittività u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-impatti ambjentali u klimatiċi, u l-adattamenti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li r-riżultati ta' din l-evalwazzjoni, meta jkun xieraq, jitqiesu għar-reviżjoni futura tad-Direttiva 2003/87/KE għal wara l-perjodu ta' mill-2024 sal-2026.
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,
ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt 21al (id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:
 - “- **32023 D 0136**: Id-Deċiżjoni (UE) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2023 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 1.),
 - **32023 L 0958**: Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115).”
2. L-adattamenti (b) sa (d) huma sostitwiti bl-adattamenti li ġejjin:
 - (b) Fil-punt (c) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3c(6), il-kliem ‘, u f'ajruporti li jinsabu l-Iżlanda' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem ‘għat-trasport bl-ajru sostenibbli’.
 - (c) Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3d, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

‘Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026, kull sena, l-Iżlanda għandha, talloka kwoti bla ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, f'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali applikabbli skont il-Ftehim ŻEE, inkluż trattament ugwali bejn il-linji tal-ajru fl-istess rotta, sal-livell tal-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Iżlanda skont l-Artikolu 3d(3), fir-rigward ta' titjiriet li jtilqu minn ajrudrom li jinsab l-Iżlanda u li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, jew li jtilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u jaslu l-Iżlanda. L-allokazzjoni bla ħlas addizzjonali għall-2025 u l-2026 ma għandhiex taqbeż il-livell ta' allokazzjoni bla ħlas fl-2024, u għandha tkun soġġetta għall-applikazzjoni tal-fattur lineari ta' tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 9. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kwoti, għandu jiġi applikat aġġustament uniformi fir-rigward tal-allokazzjonijiet kollha. L-għadd ta' kwoti ugwali għall-allokazzjoni bla ħlas addizzjonali skont dan is-subparagrafu għandu jitnaqqas mill-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Iżlanda skont l-Artikolu 3d(3). L-allokazzjonijiet bla ħlas kollha skont dan is-subparagrafu għandhom jiġu amministrati mill-Iżlanda fir-Reġistru tal-Unjoni. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom japplikaw mal-awtorità kompetenti Iżlandiża, li għandha talloka l-kwoti f'konformità ma' dan is-subparagrafu, soġġett għall-preżentazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' pjan għan-newtralità klimatika mill-operatur tal-inġenji tal-ajru. Pjan għan-newtralità klimatika għandu jkun konsistenti mal-oġġettivi tan-newtralità klimatika tal-Iżlanda, u tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, skont il-Ftehim ta' Pariġi u għandu jispeċifika:

- id-dettalji deskritti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10b(4);
- miżuri ulterjuri, meħuda u ppjanati, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2026; u,
- kif l-attivitajiet ta' promozzjoni pubblika tal-linja tal-ajru huma allinjati mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika.

Il-pjan għandu jiġi ppreżentat flimkien mal-konferma minn verifikatur indipendenti f'konformità mal-proċeduri ta' verifika u akkreditazzjoni previsti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-allokazzjoni msemmija iktar 'il fuq mill-awtorità kompetenti Iżlandiża għall-allokazzjoni addizzjonali tal-kwoti għandha ssir wara l-preżentazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-pjan għan-newtralità klimatika mill-operatur tal-inġenji tal-ajru. Kull sena, il-verifikatur indipendenti għandu jeżamina jekk l-operatur tal-inġenji tal-ajru ssodisfax effettivament l-miżuri ppjanati u li sar impenn dwarhom fil-pjan tan-newtralità klimatika, . F'każ li l-verifikatur indipendenti jirrapporta li operatur tal-inġenji tal-ajru ma ssodisfax il-pjan tiegħu stess, l-awtorità kompetenti Iżlandiża għandha titlob lura l-kwoti allokat i bla ħlas.'

(d) L-Artikolu 3d(4) ma għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.”

3. L-adattamenti (e) u (f) huma mħassrin. L-adattamenti (g) sa (t) huma nnumerati mill-ġdid bħala l-adattamenti (e) sa (r).

4. L-adattamenti li ġejjin jiddaħħlu wara l-addattament (r):

“(s) Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt (d) tal-paragrafu 8 tal-Artikolu 30:

‘(e) evalwazzjoni tal-konnettività bl-ajru tal-Iżlanda, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-kompetittività u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-impatti ambjentali u klimatiċi, u tal-adattamenti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru XX/2023 ta' [din id-deċiżjoni].’

(ea) Matul il-proċess stabbilit fl-Artikolu 102 tal-Ftehim ŻEE għal kwalunkwe reviżjoni futura ta' din id-Direttiva, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jżomm f'moħħu r-riżultati u l-elementi tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 30.”.

5. L-adattamenti (u) u (v) jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-adattamenti (t) u (u).

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva (UE) 2023/958 u d-Deċiżjoni (UE) 2023/136 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], jew fil-jum li jiġi wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE, skont liema minnhom jiġi l-aħħar*.

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti

tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... li tinkorpora d-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni (UE) 2023/136 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim

Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 tinkludi l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehma li l-inkorporazzjoni tad-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE.